MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tal-5 ta' Mejju, 2008

Numru. 308/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Alexander Paul Miruzzi)**

**Vs**

**Clyde Gauci ta' 20 sena Albert u Helen imwieled u residenti Flat14 A 'Haven Lodge' Trejqet San Gorg, St. Julins u detentur tal-karta ta' l-identita numru 568189(M)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Clyde Gauci u cioe` talli fil-11 ta' April, 2008 u fil-granet ta' qabel din id-data f'dawn il-
Gzejjer b'diversi atti maghmula minnu li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmulin b'risoluzzjoni wahda;

1. fl-istess, perjodu, lok u cirkostanzi ippromwova, ikkonsititwixxa, organizza jew iffinanzja ghaqda ta’ zewg persuni jew aktar bil-hsieb li jaghmlu reat kriminali.

2. Xewwex gemgha ta’ nies, illi hekk imxewxa jingabru f’numru ta’ ghaxra jew aktar, sabiex jaghmlu reat; u aktar talli

3. fl-istess, perjodu, lok u cirkistanzi pubblikament, xewwex persuni ohra biex jaghmlu reat; u aktar talli

4. fl-istess, perjodu, lok u cirkostanzi, pubblikament xewwex lil persuni ohra biex jiksru il-ligi; u aktar talli

5. fl-istess, perjodu, lok u cirkostanzi dolozament xerred ahbarijiet foloz illi x’aktarx allarmaw lill-pubbliku jew jiksru l-bon-ordni pubbliku jew il-paci pubblika inkella jgibu agitazzjoni fost il-pubbliku jew fost xi klassijiet tal-pubbliku; u aktar talli

6. fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi b’xi mezz tal-pubblikazzjoni jew tqassim f’Malta ta’ stampat, ikun x’ikun il-post li minnu jorigina dak l-istampat, jew bil-mezz ta’ xandir instiga direttament l-eghmil ta’ xi reat; u aktar talli

7. fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi b’xi mezz permezz tal-pubblikazzjoni jew tqassim f’Malta ta’ stampat, ikun x’ikun il-post li minnu jorigina dak l-istampat, jew bil-mezz ta’ xi xandir xerred ahbarijiet foloz illi jistghu jallarmaw l-opinjoni pubblikata, jew jiddisturbaw il-bonordni jew il-paci pubblika, jew jistghu joholqu agitazzjoni fost il-pubbliku jew fost certi klassijiet tal-pubbliku; u aktar talli

8. fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi permezz ta’ xi *network* jew apparat ta’ komunikazzjoni elettronika, hedded li jaghmel reat jew ghamel uzu iehor mhux xieraq; u aktar talli

9. fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi kellu ghasafar protetti; u aktar

10. talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi kellu ghasfur protett mhux irregistrat mad-Direttur ta’ l-Ambjent.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet l-ammissjoni maghmula mill-imputat ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, liema ammissjoni giet riaffermata wara li l-Qorti tatu zmien ragjonevoli sabiex jirrikonsidra l-istess;

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali;

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl ta’l-ammissjoni ta’l-imputat, il-Qorti ma tistax hlief issibu hati ta’l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu.

Illi dwar piena, il-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija ta’ l-imputat, il-fedina penali nadifa tieghu, u l-istqarrija ta’ l-imputat fejn huwa sostna illi hu ma kienx ser jattendi l-protesta u kien biss bhal “on looker” u ghalhekk thoss illi l-imputat ghandu jinghata opportunita ohra.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 68(1)(2), 69 u 82 tal-Kapitolu 9 , 35(d) tal-Kap 399, artikolu 3, 9 u 10 tal-Kapitolu 248 tal-Ligijiet ta’ Malta u LN 79/2006 issib lill-imputat hati ta’ l-akkuzi migjuba kontra tieghu izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b’applikazzjoni ta’ l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti qed tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sentejn mil-lum.

Il-Qorti qieghda twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkometti reat iehor matul dan il-perijodu ta’ liberta kundizzjonata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------